# Manwel Dimech hu kolonna fl-istorja... dan jittraxxendi ż-żmien



PROF. RAY MANGION

Il-Professur tal-Istorja Kostituzzjonali Maltija, il-Professur Ray Mangion, iddeskriva lil Manwel Dimech bħala li huwa kolonna fl-istorja Maltija. Jiddikjara li "jien nara lil Manwel Dimech bħala kolonna fl-istorja. Dan jittraxxendi żmienu."

Imma għadu rilevanti għaż-żmien tal-lum? Dwar dan, il-Professur Mangion jgħidilna li "naturalment meta titkellem fuq drittijiet tal-Malti, Dimech hu importanti ħafna. Kien beda jitkellem fuq drittijiet li żmienu lanqas kienu joħolmu li jissemmew. M'hemm bda dubju li Dimech għadu rilevanti ħafna. Dan daqskemm għadu rilevanti Mikiel Anton Vassalli".

Jisħaq li "meta wieħed jitkellem fuq Dimech u jara l-messaġġi tiegħu se jara kemm hu rilevanti. Dan hu figura importanti fl-istorja ta' pajjiżna u ma tistax tneħħiha, għax tkun neħħejt parti mill-istorja tiegħek. Dimech, kien anke wieħed mill-punti ta' riferenza għal ħafna politiċi fil-mixja u fil-kisba tal-Ħelsien."

Il-Prof. Mangion iqajjem il-punt li "din il-personaġġ u personaġġi oħra, għandna l-isfortuna li lanqas nafu fejn huma midfunin jew inkella għandna biss indikazzjoni ta' fejn indifnu."

Nirrimarkawlu li ninsabu biss sentejn bogħod mill-100 sena mill-mewt tiegħu u l-mistoqsija li toħroġ hi kif jaħseb li għandna niċċelebraw dan l-anniversarju.

"Jien naħseb li l-100 sena għandu jiġi mfakkar. Naħseb li dan għandu jibda jsir b'mod li ċerti nies ma jistennewx. Jien ipproponejt li kull sena anki l-Istat ifakkar nies li jkunu taw kontribut lil Ilsien Malti, lil fomm il-Maltin. Naħseb li l-Istat flok ifakkar l-avveniment għandu jfakkar il-personaġġ."

Il-Profs Mangion saħaq li "Dimech tant hu importanti li jien semmejtu fd-diskors li kont għamilt fiċ-ċerimonja tat-8 ta' Settembru tas-sena li għaddiet." Dakinhar il-Profs Mangion kien qal li "L-antenati tagħna bnew u ħallewlna, b'modestja u b'semplicità, u fuq kollox b'fidi enormi, li ġegħluhom jagħmlu l-mirakli, wirt mibni fuq sisien tal-granit. Għandna jkollha demmhom ibaqbaq li bih, driegħ ma' driegħ, sider ma' sider, batew u ferħu, bil-mistennija ta' futur aħjar. Li jkollna xejriet u opinjonijiet differenti minn ta' sħabna hija xi ħaġa indispensabbli, iżda qatt ma għandna nsiru żewġ tribujiet li jfittxu għajn għal għajn, sinna għal sinna. Qegħdin ngħidu dan għaliex inħossuh billi huwa verità sagrosanta.

Fl-2019, l-Università tagħna tagħlaq 250 sena mir-rifondazzjoni tagħha. L-Alma Mater tagħna dejjem fittxet li tkun ta' lehma li sseddaq l-għaqda u s-sliem. Kellna fiha dejjem in-nixxiegħa ta' nebħ għaliex minnha nibtu figuri li id f'id ma' persunaġġi oħrajn kienu jiffurmaw b'ħilithom ġgajta ħassieba rivoluzzjonarji vis-à-vis il-barrani, li kienu emblemi tal-unjoni u tal-paċi minkejja l-personalità kumplessa jew kontroversjali tagħhom: Mikiel Anton Vassalli, Dun Mikiel Xerri, Manwel Dimech u l-bqija."